

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u A. Vitro, aġenti)

### Suġġett

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK, tat-22 ta' Lulju 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2014, L 217, p. 49), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 793/2014, tat-22 ta' Lulju 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2014, L 217, p. 10), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

### Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni ta' implementazzjoni tal-Kunsill 2014/488/PESK, tat-22 ta' Lulju 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 793/2014, tat-22 ta' Lulju 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, huma annullati sa fejn dawn jirrigwardaw lil Tri-Ocean Trading.*
- 2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Tri-Ocean Trading.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 448, 15.12.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2016 – Tri Ocean Energy vs Il-Kunsill

(Kawża T-719/14) <sup>(1)</sup>

*(Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Żball ta' evalwazzjoni)*

(2016/C 392/35)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Tri Ocean Energy (il-Kajr, l-Eġittu) (rappreżentanti: B. Kennelly, barrister, P. Saini, QC, u N. Sheikh, solicitor)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u A. Vitro, aġenti)

### Suġġett

Rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK, tas-26 ta' Settembru 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja (ĠU 2014, L 283, p. 59), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1013/2014, tas-26 ta' Settembru 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja (ĠU 2014, L 283, p. 9), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti

### Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/678/PESK, tas-26 ta' Settembru 2014, li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1013/2014, tas-26 ta' Settembru 2014, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, huma annullati, sa fejn jikkonċernaw lil Tri Ocean Energy.*
- 2) *Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Tri Ocean Energy.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 448, 15.12.2014.